**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Dicembru, 2017**

**Rikors Nru. 1095/2017**

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 970/2017MCH**
**fl-ismijiet**
**Tyrell Corporation Limited**

**vs**

**Apassionata World GmbH**
**kif lokalment rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha**
**l-Av. Adrian Camilleri**
**Apassionata Park München GmbH & Co KG**
**kif lokalment rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha**
**l-Av. Adrian Camilleri**
**Johannes Mock O'Hara**
**Thomas Bone Winkel**
**kif lokalment rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu**
**Av. Paul Micallef Grimaud u**
**Hongkun International Holdings Limited**
**kif lokalment rapprezentat mill-**
**Av. Paul Micallef Grimaud**

**u wara Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1429/2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Apassionata World GmbH, Apassionata Park München GmbH & Co KG, Johannes Mock O'Hara u Thomas Bone Winkel tal-1 ta' Dicembru 2017 li bih

talbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju1429/2017 mahrug favur Tyrell Corpration Limited, u dan a bazi tal-artikolu 836(1)(b), (d) u/jew (f) tal-Kap. 12.

Rat ir-risposta tas-socjeta Tyrell Corporation Limited li opponiet ghar-revoka ghal diversi ragunijiet.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta Tyrell talbet il-hrug tal-mandat minhabba danni allegatament sofferti minnha u kawzati mill-intimati. Mandati kawtelatorji, b'mod partikolari dan in partikolari jinhareg jekk mad-daqqa ta' ghajn il-gudikant iqis li l-formalitajiet procedurali gew segwiti u hemm allegazzjoni ta' dritt li jista' jigi kawtelat fis-sens li l-intimat ma jiddisponix minn dak li r-rikorrent ikun qed jippretendi. F'dan l-istadju bikri l-indagini tkun wahda pjuttost superficjali. Il-ligi pero taghi fakolta lill-intimat li jitlob lil Qorti tirrevoka jew timmodifika l-mandat f'cirkostanzi partikolari li l-istess ligi fl-artikolu 836 jelenka. Il-Qorti tqis li mhux mistenni li l-Qorti tidhol fil-fond fil-mertu tad-disputa li jista' jkun hemm bejn il-partijiet izda biss li fl-indagini taghha meta tqis li talba ghar-revoka jezistix prima facie d-dritt li qed jintalab jigi kawtelat u li ma inharigx b'mod abusiv fis-sens miftuh il-kelma.

F'dan il-kaz l-intimati qed isostnu li l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat jew hu eccessiv [art. 836(1)(d)]. Apparti l-kwistjonijiet legali formali li l-partijiet ivventilaw waqt it-trattazzjoni tal-abbli difensuri, din il-Qorti tqis li ghandha timxi mal-principji li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreġ fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa ta' ghajn li l-intimata ezekutanti ghandhiex bazi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex tillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha mahluf fil-mandat. Wiehed ma' ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imwarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja

taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti (ara f'dan is-sens **Vincent Mercieca vs George Galea**, PA 29/11/2001).

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bhala wiehed eccessiv, irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mahsub li jhares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u c-cirkostanzi tal-kaz ma jistghux izewgu ma' xulxin.

F'dan il-kaz il-Qorti qieset illi infethet kawza minn Tyrell b'konsegwenza tal-hrug tal-mandat favoriha kontra l-intimati kif ukoll is-socjeta Hongkung li mhix kolpita bl-ebda mandat.

Il-Qorti qiset illi hu minnu illi l-kawza li tressqet minn Tyrell hi ghad-danni sofferti minhabba nuqqas li jsehh joint venture bejnha u s-socjeta Hongkun, tant hu hekk illi l-kawza prezentata pendent quddiem din il-Qorti kif preseduta issemmi bhala premessa l-imsemmi joint venture li ma sehhx minhabba agir qarrieqi li permezz tieghu, Tyrell gie svestita minn negozju bl-isem 'Apassionata'. Dan in-negozju jew 'brand name' hu l-qofol tal-maggor parti tal-kawzi u mandati pendenti quddiem il-Qrati Maltin u anki esteri. L-istess rikors guramentat ma jispecifikax f'hiex jikkonsisti l-agir qarrieqi u fil-fatt jissemma personalment Thomas Bone Winkel li kien CFO tal-grupp Tyrell li donnu mexxa biex l-istess kumpanija tigi svestita minn negozju taghha.

Ma hemm ebda ammont ta' danni inkorsi imsemmija fl-atti promotur tal-kawza. Il-Qorti tqis illi d-dritt prima facie ghad-danni jrid almenu jkollu bazi oggettiva u mhux wahda soggettiva li tista' twassal ghal arbitrarjeta bl-iskop li iggieghel lil parti l-ohra tissokkombi minhabba l-pressjoni kawzata bil-hrug tal-mandat. F'dan il-kaz is-somma ta' danni li s-socjeta Tyrell qed tippretendi hu ta' €20,000,000. Ma saret ebda gustifikazzjoni xjentifika ghal tali kawtela. Madankollu fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti, l-abbli difensur tas-socjeta Tyrell irreleva illi s-somma kienet intalbet ghax-tirrapprezenta nofs l-avvjament tan-negozju 'Apassionata' kif jirrizulta minn dak li kellu jkun is-sehem shih tas-socjeta Tyrell fil-joint venture u iktar minn hekk intqal illi jekk is-socjetajiet Apassionata World u Apassionata Park ma jiggestixxux kif imiss

dan il-brand name, fl-interess tal-istess socjeta Tyrell, l-istess negozju ser jispicca jitlef kull valur. Il-Qorti taghmel parentesi ghaliex dan l-ahhar argument tressaq ghax fil-mori ta' dawn il-proceduri kollha, fl-atti ta' inibizzjoni bl-ismijiet Da Vinci Publishing Limited rapprezentata min Peter Massine kontra Apassionata World rapprezentata minn Xiongxiong Lin, Johannes Mock O'Hara u Weiharo Zhao, inghatat decizjoni mill-Higher Regional Court ta' Dusseldorf fit-23 ta' Novembru 2017 li ikkonfermat li Da Vinci Publishing Limited (li fiha Peter Massine ghandu interess kif ghandu wkoll f'Tyrell) ghandha tinghata lura l-brand name u ghalhekk in-negozju Apassionata sal-1 ta' Lulju 2018 u dan peress illi l-istess Qorti iddecidiet li ma kien hemm ebda ftehim vinkolanti datat 1 ta' Frar 2016 li biha s-socjeta Apassionata World setghet tivvanta drittijiet ta' licenzja fuq in-negozju gestiet bl-isem Apassionata. Is-socjeta Tyrell qed tibza, skont it-tezi tad-difensur taghha illi sa kemm tkun tista' terga' tiggestixxi n-negozju hi, is-socjeta Apassionata jew ahjar Hongkun sert tiddistruggi l-avvjament u ma jibqa' ebda valur fih. Dan l-argument hu mxejjin mill-istess Qorti Germaniza fid-decizjoni taggha  fejn qieset, kif del resto tqis din il-Qorti, illi hu fl-interess tas-socjeta Apassionata li sal-ahhar ta' Gunju 2018 tibqa' tmexxi l-attivitajiet bl-akbar massimu ta' profitt billi l-iskop tad-decizjoni u li l-effetti tad-decizjoni ma jkunux immedjati biex dawk l-attivitajiet promossi u gia ibbukjati sal-ahhar tal-istagun ikomplu isehhu bla telf ta' qliegh u impozizzjoni ta' piz li mhux gustifikabbli, fuq is-socjeta Apassionata World u indirettament is-socjeta Apassionata Park sussidjarja tal-istess.

Maghdud dan kollu l-Qorti ma issibx illi la darba s-socjeta sekwestranti ser ikollha f'idejha lura l-brand name u n-negozju li kellha f'Lulju 2018, ingiebet xi gustifikazzjoni ghall-kontinwazzjoni fis-sehh ta' sekwestru fil-konfront tal-intimati partikolarment Apassionata World, kolpita bid-decizjoni ta' Dusseldorf, fl-ammont ta' €20,000,000 li jista' jservi biss biex jisultifika l-operat kollu tas-socjeta intimata, rikorrenti f'din it-talba ghar-revoka.

Il-Qorti mhix tghid li s-socjeta Tyrell ma sofrietx danni pero ma ngiebet ebda prova imqar wahda prima facie ta' xi telf attwalment subit sa issa li jista' b'xi mod jiggustifika dannu kif kolpit bis-sekwestru, aktar u aktar in segwitu tad-decizjoni ta' Dusseldorf. Dan kollu qed jinghad ovvjament fic-cirkostanzi prezenti kif jidhru lil din il-Qorti f'dan l-istadju bla mal-Qorti qed tintrabat jew tikkondividi b'xi mod ma' tezi jew

ohra tal-partijiet jew l-istess gudikat ta' Dusseldorf billi l-mertu tal-azzjonijiet bejn il-partijiet ghadu pendent quddiem din il-Qorti. Madankollu l-Qorti ma thossx li s-sekwestru kif maghmul intwera gustifikazzjoni prima facie ghalih specjalment meta tqis l-ammont li ghalih intalab u gie milqugh bla ebda indikazzjoni ta' x'wassal b'mod konkret ghal dan l-ammont meqjus mad-dritt prima facie ghad-dannu reklamat.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' t-talba tas-sekwestrati rikorrenti u tirrevoka b'mod immedjat il-mandat ta' sekwestru 1429/2017 fil-konfront taghhom, pero ma tqis fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tal-komplessita tan-negozju u l-kwistjonijiet legali, kif ukoll l-avvenimenti li sehhew specjalment bid-decizjoni ta' Dusseldorf li ghandha tilqa' t-talbiet ghal penali u danni mressqa mir-rikorrenti sekwestrati. Fl-istess waqt billi l-mandat qed jigi revokat il-Qorti mhix ser tqis xi ghoti ta' ta' garanzija mitluba qua talba sussidjaraja tar-rikorrenti sekwestrati. L-ispejjez tbatihom is-socjeta Tyrell Corporation Limited.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur